MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 230/2005

**A**

**-vs-**

**Kuraturi et.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi fit-22 ta' Frar, 2003, l-attrici zzewwget lill-konvenut B (Dok. A)

Illi fit-8 ta' Marzu, 2005, twieldet il-minuri X, liema minuri giet registrata bhala l-wild naturali tal-konvenut B, hekk kif

jirrizulta mic-Certifikat ta’ Twelid anness u mmarkat bhala Dok. B.

Illi l-minuri X m’hijiex il-bint naturali tal-konvenut B, izda tal-konvenut C.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. tiddikjara li bint l-attrici X li twieldet fit-8 ta’ Marzu, 2005 m’hijiex il-wild naturali tal-konvenut B,

2. tiddikjara li bint l-attrici X li twieldet fit-8 ta’ Marzu, 2005 hija wild naturali tal-konvenut C.

3. prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja skond il-Ligi, tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex inehhi l-konnotati kollha tal-konvenut B mill-Att tat-Twelid Nru. 908/2005 tal-minuri X li twieldet fit-8 ta’ Marzu, 2005 u jissostitwiehom bil-konnotati tal-konvenut C.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fid-29 ta’ Awissu, 2005 li permezz taghha l-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott

mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici A ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali l-konvenut C biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem "*the said*" jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandu jigi specifikat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tal-Twelid in kwistjoni fit-talbiet attrici li huwa 908 tas-sena 2005.

5. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-attri processwali, u senjatament l-affidavits ta' l-attrici, tal-konvenut B, ta' Omissis u omissis

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha fiz-zmien li kienet mizzewga mall-konvenut B kienet fil-fatt

tal-konvenut l-iehor C. Naturalment id-deposizzjoni tax-xhieda Omissis u omissis ma jistghux ikunu ta' wisq rilevanza f'kaz simili billi l-unici persuni li jafu x'gara fil-fatt kienu l-attrici stess u l-konvenuti C u B. C ammetta t-talba attrici fil-waqt li B li dak iz-zmien kien ghadu jikkabit maghha bhala zewgha qal li nduna li t-tarbija ma kinitx tieghu billi dak iz-zmien ma kienx qed ikollu relazzjoni ma' martu.

Din il-kawza li m'hijiex intentata skond l-Artikolu 70 izda l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili ghaliex m'hix istitwita mir-ragel ta' l-omm it-tarbija izda mill-istess omm li huwa naturali li ghandha nteress bizzejjed biex tiftah il-kawza. Il-gudizzju huwa wkoll integru ghaliex it-tarbija hija rappresentata mill-kuraturi.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet JG u PG deciza fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mall-konvenut ... fl-isess waqt li f'dak iz-zmien ma kellhiex x'taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti .. irriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost ohrajn 30 ta' Jannar, 1998)… Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waheda mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili, mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra relmina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f'dan il-kawza *nonostante* li ma sarx it-test genetiku u mhux il-kaz li tghabbi lill-partijiet fi spejjes zejda. Dal tronde il-Ligi taghmel hafna ostakoli f'dawn il-kawzi l-iktar biex jigi difiz l-istat legittimu tat-tarbija izda wkoll biex tkun accertata l-verita' u li jekk jista' jkun ikun maghruf ukoll il-missier veru ghaliex *mater semper certa est.* Fir-rigward ta' l-istat

legititmu tal-persuna, illum hu stabbilit li ma ghandu jkun hemm ebda differenza li tiddiskrimina ngustament kontra stat ta' illegittimita u f'dan il-kaz huwa minnu li l-istat tat-tarbija ser jinbidel, l-importanti huwa li c-certifikat tat-twelid tieghu ikun jirrifletti l-verita' u li fih ser ikun hemm l-isem il-missier veru u li kollox sar skond il-ligi.

Rigward l-eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku dwar il-pubblikazzjoni skond l-Artikolu 254 tal-Kodici Civili dan l-artikolu jirreferi ghall-korrezzjonijiet li jsir skond l-Artikolu 253 u ghalhekk mhux applikabbli ghal kaz bhal dak odjern.

**Il-Qorti ghalhekk fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, fl-ammissjoni tal-konvenut C tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. tiddikjara li bint l-attrici X li twieldet fit-8 ta' Marzu, 2005 m'hijiex wild naturali tal-konvenut B;**

**2. tiddikjara li l-istess minuri X hija wild naturali tal-konvenut C;**

**3. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex inehhi l-konnotati tal-konvenut B mic-certifikat tat-twelid numru 908/2005 u jissostitwih b'dawk tal-konvenut C fi zmien xahar minn meta xi hadd mill-partijiet jindika permezz ta' nota fl-atti ta' din il-kawza l-konnotati kollha ta' l-istess C;**

**L-ispejjes tal-kawza ghandhom jithallsu mill-attrici barra dawk tal-konvenut C li ghandu jbatihom hu stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------